# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju 2025

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 513/2024 ISB**

**Grazia Auto Care Company Limited (C 18549)**

**vs**

**(1) INDIS Malta Limited**
**(2) L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti**
**(3) L-Avukat tal-Istat**

**DIGRIET MOGĦTI ILLUM FIL-MIFTUĦ GĦAR-RIKORS TAS-SOĊJETA' RIKORRENTI GRAZIA AUTO CARE COMPANY LIMITED TAL-20 TA' NOVEMBRU 2024 (FOL 21)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors tas-soċjeta' Grazia Auto Care Company Limited** *(Grazia)* tal-20 ta' Novembru 2024 fejn għar-raġunijiet hemmek premessi talbiet lil din il-Qorti sabiex ***a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni tissospendi l-esekuzzjoni tal-Mandat ta'***

***Zgumbrament bin-numru 1880/2024 ibbazat fuq is-sentenza li illum għaddiet in ġudikat datata 3 ta' Ottubru 2023 u fl-ismijiet Indis Malta Limited vs Grazia Auto Care Company Limited, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u dana prevja illi jkun hemm ezitu finali u definittiv f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali.***

Rat l-atti kollha, inkluż mir-risposta ta' Indis Malta Limited *(Indis)* għar-rikors odjern (fol 45).

Semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi din it-talba qed issir fl-isfond tal-mertu tal-kawża li qed tressaq il-quddiem is-soċjeta' *Grazia*, fejn fit-tieni talba tagħha hija ressqet talba illi l-Qorti tqis simili ħafna jekk mhux identika (almenu fl-effetti tagħha) għat-talba hawnhekk magħmula.

Il-Qorti fil-fatt trid tirrimarka illi ftit tifhem għaliex ġja ladarba *Grazia* kienet ressqet it-tieni talba fir-rikors promotur tagħha, hija ħasset ukoll illi għandha tressaq ir-rikors odjern.

Illi bi ftehim mal-partijiet fil-fatt, il-Qorti, wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, applikabbli ugwalment kemm għas-sentenza in parte u kif ukoll għal dan id-digriet, u bi qbil mal-istess difensuri, ħalliet il-kawza kemm għas-sentenza in parte fir-rigward tat-tieni talba kif kontenuta fir-rikors promotur u kif ukoll għad-digriet għar-rikors hawnekk trattat.

Illi a skans ta' ripetizzjoni għalhekk il-Qorti qed tirreferi għas-sentenza in parte minnha stess mogħtija aktar kmieni llum f'dawn il-proċeduri, u konsegwentament tqis ugwalment applikabbli l-konsiderazzjonijiet magħmula f'dik is-sentenza *in parte* għad-determinazzjoni ta' dan ir-rikors.

**GĦALDAQSTANT**, għall-istess raġunijiet u konsiderazzjonijiet hemmek magħmula, il-Qorti qed tgħaddi biex **<u>tiċħad</u>** it-talba ta' Grazia kif kontenuta fir-rikors tagħha tal-20 ta' Novembru 2024.

**Spejjeż** ta' din l-istanza għas-soċjeta' rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |